# Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili

**Imhallef : Onor. Gino Camilleri LL.D.**

**Seduta tas-7 ta' Settembru 2001**

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 2145/01 fl-ismijiet:**

**Angela Vassallo nee' Spiteri**

**vs**

**Ronald sive Ronnie Vella**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta' Ronald sive Ronnie Vella fejn gie premess :

Illi permezz ta' rikors tas-17 ta' Lulju 2001, l-intimata talbet u finalment, fit-3 ta' Awissu, 2001, ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kontra l-esponenti fl-ammont ta' tmintax-il elf lira Maltin (Lm18,000);

Illi l-pretensjonijiet vantati kontra l-esponenti gew notifikati lill-banek kummercjali kollha u sahansitra anke lill-Awtorita' ta' l-Ippjanar fejn jahdem l-esponenti, sabiex tinzamm il-paga tieghu;

Illi, minkejja dan kollu, l-intimata naqset li taghmel il-kawza in sostenn tal-pretensjonijiet taghha fiz-zmien li tistabilixxi l-ligi, u cioe' fit-terminu ta' erbat'ijiem minn meta jigi notifikat lilha jew ghaxart'ijiem tax-xoghol wara l-hrug ta' dan il-mandat kawtelatorju u dan a tenur ta' l-artikolu 849 (a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi inoltre ta' min jirrileva li l-intimata lanqas biss dehrilha opportun li tirtira hi l-imsemmi mandat u ghalhekk kellu jkun l-esponenti li jitlob il-hrug ta' l-opportun kontro-mandat, naturalment a spejjez tieghu;

Illi l-premess jinkwadra ruhu f'dak previst mil-ligi fl-artikolu 836(8)(a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-intimata ghandha thallas penali, anke in vista ta' gurisprudenza ricenti, fosthom Joseph Rapa vs Raymond Sammut (digriet ta' din l-Onorabli Qorti wara r-rikors numru 1650/2000 GCD, konfermat mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-13 ta' Marzu 2001);

Ghalhekk, in vista tas-suespost, l-esponenti talbet li din il-Qorti, a tenur ta' l-artikolu 836(8) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-intimata sabiex thallas direttament lill-esponenti penali ta' mhux anqas minn hames mitt lira u mhux izjed minn tlett elef lira;

Bl-ispejjez kontra l-intimata u b'riserva ghad-danni;

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' Awissu 2001 minn fejn jirrizulta li l-intimata Angela Vassallo ddikjarat li huwa minnu li l-mandat in kwestjoni ma giex segwit b'citazzjoni pero' gia kien hemm pendenti bejn il-partijiet kawza ta' spoll presentata minnha zmien ilu (citazzjoni numru 687/96, differita ghat-3 ta' Dicembru 2001) u ghalhekk ma kienx hemm ghalfejn li l-mandat in kwestjoni jigi segwit b'citazzjoni;

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors u d-dokumenti esibiti;

Rat in-nota tar-rikorrenti presentata fil-kors tas-seduta tal-31 ta' Awissu 2001;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Ir-rikorrenti Vella rrefera ghall-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju ottjenut mill-intimata kontra tieghu ghall-ammont ta' tmintax-il elf lira Maltin (Lm18,000) fuq il-pretensjoni tal-istess intimata li l-imsemmi ammont jirrappresenta s-sehem u l-interess taghha f'dar li tinsab in-Naxxar , liema dar ir-rikorrenti Vella, skond l-intimata, qabad u okkupa. Ir-rikorrenti jsostni li l-intimata naqset li tippresenta citazzjoni dwar dawn il-pretensjonijiet taghha fiz-zmien li trid il-ligi. Ghalhekk ir-rikorrenti qed jitlob li a tenur ta' l-artikolu 836(8) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-intimata tigi kundannata thallas direttament lilu penali ta' mhux anqas minn hames mitt lira u mhux izjed minn tlett elef lira;

L-intimata tammetti li l-mandat in kwestjoni ma giex segwit b'citazzjoni. L-istess intimata, pero', ssostni li gia hemm pendenti bejn il-partijiet kawza ta' spoll presentata minnha u ghalhekk ma kienx hemm ghalfejn li l-mandat in kwestjoni jigi segwit b'citazzjoni;

Il-fatt li hemm pendenti bejn il-partijiet azzjoni ta' spoll ma jfissirx li l-pretensjonijiet tal-intimata, kif kontenuti fil-mandat kawtelatroju in kwestjoni, ma kellhomx jigu dedotti f'citazzjoni ohra. Dak li hemm pendenti bejn il-partijiet hi azzjoni possessoria li semmai tista terga tpoggi l-partijiet fl-istess posizzjoni li kellhom qabel ma gie kommess l-allegat spoll. Fil-mandat hemm prtensjonijet precizi u godda u ghalhekk l-istess mandat kellu jigi segwit b'citazzjoni;

L-artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12 jipprovdi li r-rikorenti li jkun ottjena l-hrug ta' att kawtelatroju jista jigi kundannat ihallas penali ta' mhux inqas minn hames mitt liri maltin (Lm500) u mhux izjed minn tlett elef liri maltin (Lm3000) direttament lill persuna li tkun issubiet l-istess att kawtelatroju jekk l-istess rikorrenti jonqos li jghamel il-kawza dwar it-talba tieghu fiz-zmien li trid il-ligi;

F'dan il-kaz jirrizulta sufficjentement pruvat li l-intimata ma ddeducitx f'citazzjoni it-talba taghha kif kontenuta fil-mandat ta' sekwestru kawtelatroju. Ghalhekk jirrizulta li l-istess intimata naqset li tghamel kawza dwar it-talbiet taghha kif dedotti fil-mandat fiz-zmien li trid il-ligi. In vista ta' dan kollu huma applikabbli l-imsemmija provedimenti tal-artikolu 836(8). In vista tac-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz hu opportun li tigi applikata l-penali fl-inqas li tippermetti l-ligi u ghalhekk l-imputata ghandha tigi kundannata thallas penali ta' hames mitt liri maltin (Lm500);

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tipprovdi billi tilqa t-talbiet tar-rikorrenti Vella u, a tenur ta' l-artikolu 836(8) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-intimata Vassallo thallas direttament lill-istess rikorrenti penali ta' hames mitt liri maltin (Lm500);

Spejjez kontra l-intimata.